GUDJA

Minuti tas-sitta u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2012.

Preżenti:

Sindku: John Mary Calleja
Viċi-Sindku: Romeo Baldacchino
Kunsillieri: Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli

1. Approvazzjoni ta' minuti – 44/6 (30 ta' Mejju 2012)
45/6 (05 ta' Ġunju 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju

5. Finanzi
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 44/6 (30 ta' Mejju 2012)**
**45/6 (05 ta' Ġunju 2012)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2 Affarijiet li tqajmu mill-minuti. Il-Kunsillier Sur Anthony Dalli qal li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni ma TM sabiex dik il-biċċa bankina li qegħda mal-bidu ta' Triq R. Caruana u li twassal sa' Jack Caterers f'Dawret il-Gudja titneħħa jew issir sewwa għaliex din qegħda tkerraħ l-ambjent u qed tkun anke ta' periklu.

Il-Kunsill qabel li r-residenti jiġu infurmati bl-azzjoni li jieħu l-Kunsill mat-TM rigward din il-materja.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Budget għall-Jum il-Gudja 2012. Is-Sindku spjega li għal din is- sena 2012 il-programm ta' Jum il-Gudja sejjer ikun mifrux għall- ħmistax il-ġurnata.

Is-Sindku qal ukoll illi l-budget tan-nefqa għandu jiżdied peress li l-ispejjeż u l-attivitajiet żdiedu ħafna.

Saret diskussjoni

Il-Kunsill iddeċieda li l-budget għal Jum il-Gudja jitla għall €4000.00

2.1.2 Tindif u xogħlijiet fi trejqiet tal-kampanja fil-Gudja. Is-Sindku qal li f'dawn iz-zminijiet ikun possibli li jsiru diversi xogħlijiet sabiex dawn l-inħawi ikunu aktar aċċessibli.

Saret diskussjoni li fiha l-Viċi-Sindku R. Baldacchino insista li qabel kull xogħol ta' konkos, l-ewwel għandu jsir it-tindif sewwa u wara issir xogħol ta' konkos kif ikun ġie ippjanat minn qabel mal-Kunsil.

Il-Kunsill ikkonsidra li x-xogħol meħtieġ fl-inħawi ta' Loreto sa ta' Ħmis għandhom jingħataw prijorita.

Il-Kunsill qabel li jitqabdu l-kuntratturi Mario Spiteri kif ukoll Brian Borg (Open skips) sabiex bil- bob cat u bl-iskips kif ukoll jiġu mgħejjuna mill-ħaddiema assenajti mal-Kunsill ikunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol fi żmien qasir u bl-anqas spejjeż possibli.

Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lill-kuntrattur Brian Borg (Skips) sabiex għalkemm għandu l-kuntratt dwar skips jagħti rata irħas għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel li jkun hemm laqgħa speċifika dwar il-programm ta' ħidma u bl-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill isiru l-istimi tan-nefqa prevista u tiġi stabbilita l-prijorita tax-xogħlijiet skond kif ikun jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

**NB:-** F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li l-Kunsillier Sur Sammut jindirizza l-laqgħa peress li ma setax jibqa l-ħin kollu tal-laqgħa minħabba impenji oħra familjari.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark-Anthony Sammut

a. Fun Run & Fun Ride. Is-Sur Sammut qal li dawn huma fil-programm ta' Jum il-Gudja 2012 u l-Kunsill għandu jieħu l-konsiderazzjoni kollha meħtieġa dwar sigurta u li ma jkunx hemm traffiku li jipperikolu lil kull min ikun jieħu sehem.

Is-Sur Sammut qal li bħas-snin oħra l-Kunsill sejjer jipprovdi ilma u frott u tingħata medalja ta' tifkira lil kull min jieħu sehem.

b. Attivitajiet Sportivi. Is-Sur Sammut qal li dawn qed isiru b'suċċess u l-parteċipazzjoni hija tajba ħafna. Is-Sur Sammut qal li dawn sejrin ikomplu anke waqt il-programm ta' Jum il-Gudja.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut u iddeċieda li jagħmel il-finanzjament u jieħu azzjoni kif ikun meħtieġ.

c. Kenniesa. Is-Sur Sammut qal li kien qed jiġi osservat li qed ikun hemm toroq li ma jkunux qed jinkinsu jew mhux qed jinkinsu sew. Il-Viċi-Sindku qal li huwa kien diġa għamel kuntatt mal-kuntrattur sabiex il-Kunsill ikollu servizz aħjar u qed jistenna li s-sitwazzjoni titjib fil-aqsar żmien filwaqt li sejjer ikomplu jsus mal-kuntrattur għall-aħjar servizz kif mixtieq.

d. Bring in sites. Is-Sur Sammut qal li kien qed jiġi osservat li uħud minn dawn il-bins speċjalment dawk tal-plastik qed ikunu mimlijin. Il-Viċi-Sindku qal li huwa kien diġa talab lill GreenPak sabiex jieħdu l-passi meħtieġa peress li jidher li l-ħidma dwar riċiklaġġ qabdet sewwa u għalhekk ir-residenti saru aktar konxji u li issa jmiss lill GreenPak li jew iżidu l-programm ta' ġbir mill-bins jew li jagħmlu xi ħaga oħra sabiex dawn il-bins ma jkunux imfawra u jitħalla l-iskart madwarhom.

**NB:-** F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jissospendi l-Agenda u li tiġi diskussa t-tema 4 – Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju 2012 – Programm mill-01 sal-15 ta' Lulju.

## 4. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju

4.1 Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li għalkemm dan il-Jum il-Gudja qiegħed fid-dekasteru tiegħu huwa xtaq li fil-programm t'attivitajiet jieħdu sehem fih l-Kunsillieri kollha.

4.2 Is-Sindku qal li kif juri l-programm il-ħidma ta' kull kunisllier hija preżenti u għalhekk għandu jassigura li dan il-programm ikun ta' fejda u jitgawda minn kulħadd.

4.3 Saret diskussjoni fejn ġie stabbilit li fil-futur l-programm kollu għandu jiġi diskuss il-Kunsill qabel jiġi stampat jew tintbgħat xi ċirkulari dwar dawn l-attivitajiet.

Wara din id-diskusjoni l-programm tal-attivitajiet dwar ta' Jum il-Gudja 2012 ġie konfermat kif preżentat u tqassam għand ir-residenti tal-Gudja.

4.4 F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar ittra tat-22 ta' Ġunju 2012 li l-Kunsill irċieva mingħandu l-Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjeta Filarmonika La Stella dwar is-sostenn tal-Kunsill fil-qasam tal-Kultura u l-Banda.

Il-Kunsill qabel li din l-ittra tifforma parti integrali ta' dawn il-minuti.

Saret diskussjoni estensiva fejn ġie stabilit b'mod ċar li l-Kunsill bl-ebda mod ma jista jagħmel donazzjonijiet filwaqt li huwa fl-interess tar-residenti tal-Gudja li jipparteċipa u jsostni l-attivitajiet kulturali u mużikali.

Ġie diskuss qafas ta' ftehim dwar servizz li l-Kunsill jirċievi mingħand il-baned rispettivi f'attivitajiet prinċipali li jorgnaizza l-Kunsill u oqsma oħra fejn il-baned jgħinu lill-Kunsill fil-Kultura Mużikali b'risq ir-residenti tal-Gudja u liema somma tiġi stabbilita mill-Kunsill skond kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li għalkemm hija x-xewqa tal-Kunsill illi jagħti s-sostenn mixtieq lil residenti kollha, għaqdiet u soċjetajiet tal-Gudja, il-Kunsill huwa marbut li jiwettaq il-programm ta' toroq u bankini kif meħtieġ bħala prijorita.

Il-Kunsill qabel li jistieden ir-rappreżentati taż-żewġ baned:- l-Għaqda Mużiakli Marija Assunta u s-Soċjeta Filarmonika La Stella għal laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 04 ta' Lulju 2012 fis-6.00p.m. fejn il-Kunsill jiddiskuti l-pjan ta' ħidma maż-żewġ baned fuq bażi ta' partnership tal-Kunsill mal-volontarjat filwaqt li l-Kunsill jirrispetta in-normi u l-obligazzjonijiet tiegħu dwar il-Finanzi tal-Kunsilli Lokali skond il-Liġi.

**6.0 Għeluq tal-laqgħa**

6.1 Peress li kien sar il-ħin, il-laqgħa spiċċat fid-8.50p.m

***Aġġornament***

Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 04 ta' Lulju 2012 fis-5.45p.m. sabiex tkompli fuq l-Agenda li tinsab ċirkulata.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________